



Brussell, 27 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14779/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0291(COD)

TRANS 578
MI 900
ENV 819
CLIMA 234
CODEC 2116

RAPPORT

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: ST 14230/18
Nru dok. Cion: ST 14183/17 + ADD 1

Suġġett: **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija**
– Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

Fit-8 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mobbilità "Ewropa Attiva", bħala waħda mill-inizjattivi tal-Kummissjoni relatati mal-mobbilità b'livell baxx ta' emissjonijiet.

L-oġġettiv prinċipali tal-proposta huwa li tiżdied l-adozzjoni mis-suq ta' vetturi nodfa, jiġifieri mingħajr emissjonijiet jew b'livell baxx ta' emissjonijiet, fl-akkwist pubbliku u b'hekk tikkontribwixxi biex jonqsu l-emissjonijiet ġenerali tat-trasport u tikkontribwixxi għal kompetittività u tkabbir fis-settur tat-trasport. L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE żvelat li d-Direttiva ma qanqlitx biżżejjed adozzjoni fis-suq ta' vetturi nodfa madwar l-Unjoni, u l-impatt fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja nstab li kien limitat ħafna.

Il-proposta għandha l-għan li tilħaq l-objettiv prinċipali tagħha billi:

- testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva eżistenti biex ikopri l-prattiki ta' akkwist rilevanti kollha;
- tintroduċi definizzjoni ta' "vettura nadifa";
- tistabbilixxi miri minimi tal-akkwist għal vetturi nodfa għall-perijodi ta' żmien bejn it-tmiem tal-perijodu tat-traspożizzjoni u t-tmiem tal-2025 u bejn l-2026 u l-2030.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sur Andrzej GRZYB (PPE, PL) bħala r-rapporteur. Ir-rapport kien adottat mill-Plenarja tal-PE fil-25 ta' Ottubru 2018. Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) adottaw opinjoni dwar il-proposta.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fis-sessjoni plenarja tad-19 ta' April 2018. Il-Kumitat tar-Reġjuni Ewropew adotta opinjoni fil-5 ta' Lulju 2018.

III. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

Il-proposta ġiet ippreżentata lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks f'Novembru 2017 u kienet studjata mill-istess Grupp ta' Ħidma bejn Marzu u Mejju 2018, li pproduċa rapporti ta' progress ippreżentati lill-Kunsill fis-7 ta' Ġunju 2018.¹

Il-Presidenza ddedikat tliet laqgħat għall-analiżi dettaljata tal-fajl bejn Lulju u Novembru 2018.

¹ dokument 8916/18.

Abbażi tal-kummenti u s-suġġerimenti magħmula mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ressqet żewġ testi ta' kompromess li pproponew soluzzjonijiet u kjarifiki dwar il-biċċa l-kbira tal-artikoli, li dawn li ġejjin huma dawk prinċipali fosthom:

- l-Artikoli 2 sa 3: wessgħu l-eżenzjonijiet u ċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi koperti mid-Direttiva elenkati fit-Tabella 1 u fil-premessi 11 u 11(a);
- l-Artikolu 4: wessa' d-definizzjoni ta' "vettura nadifa" u introduċa sottomiri ambizzjużi għal xarabanks mingħajr emissjonijiet;
- l-Artikolu 5: iċċara l-metodi tal-għadd għat-tipi differenti ta' kuntratti koperti mid-Direttiva. It-tabelli 4 u 5 korrispondenti li fihom il-miri għall-Istati Membri u l-metodu ta' kalkolu fir-rigward tal-vetturi mingħajr emissjonijiet kienu simplifikati u fir-rigward tax-xarabanks, il-miri nazzjonali tbaxxew;
- l-Artikolu 9: ħassar id-dispożizzjoni relatata mal-proċedura ta' Kumitat;
- l-Artikolu 10: ssimplifika u ċċara l-obbligi ta' rappurtar għall-Istati Membri u introduċa obbligu ġdid għall-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri billi tiġbor u tippubblika d-data rilevanti.

IV. KWISTJONIJIET PENDENTI

(a) Eżenzjonijiet (Artikolu 2)

L-aktar kompromess reċenti tal-Presidenza dwar l-Artikolu 2 kien appoġġat mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet. Madankollu, delegazzjoni waħda, appoġġata minn oħra, tixtieq li s-servizzi ta' trasport speċjali, pereżempju għall-anzjani jew għall-persuni b'diżabbiltà, ikunu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Għadd ta' Stati Membri oħra enfasizzaw li l-eżenzjonijiet għandhom jiġu limitati għal minimu.

(b) Kamp ta' applikazzjoni (Artikolu 3)

Diversi delegazzjonijiet xtaqu li fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jerġgħu jintroduċu s-servizzi tal-ġbir tal-iskart koperti mit-Tabella 1 tal-Anness, li kienu tħassru mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva peress li ma jikkonċernawx is-servizzi tat-trasport tat-trasport tal-passiġġieri u jeħtieġu vetturi b'għan speċjali.

Il-kowċijiet tħassru mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fuq it-talba ta' xi delegazzjonijiet, minħabba li l-użu tal-kowċijiet għal trasport tal-passiġġieri għal distanza twila jirrappreżenta problemi tekniċi fir-rigward tal-vetturi mingħajr emissjonijiet kif ukoll fir-rigward tal-infrastruttura neċessarja għall-iċċarġjar mill-ġdid, speċjalment fużu transkonfinali. Delegazzjoni waħda, appoġġata minn diversi oħrajn, tixtieq terġa' tintroduċi l-akkwist tal-kowċijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva minħabba s-similarità tagħhom għat-trakkijiet.

(c) Definizzjonijiet (Artikolu 4)

Bosta delegazzjonijiet appoġġaw l-aktar proposta ta' kompromess reċenti tal-Presidenza u kienu kontra referenza għad-Direttiva RED 2 imressqa minn delegazzjoni waħda.

Xi delegazzjonijiet riedu approċċ iffokat fuq l-eżitu u teknoloġikament newtrali fir-rigward tad-definizzjoni ta' "vettura nadifa".

Xi delegazzjonijiet mhumieq favur li l-gassijiet fossili, bħas-CNG u l-LNG, jiġu inklużi fil-lista ta' fjuwils alternattivi, filwaqt li oħrajn enfazzzaw il-ħtieġa li dawq jiġu inklużi peress li jipprovdu tranżizzjoni tajba lejn vetturi b'livell baxx ta' emissjonijiet – u mingħajr emissjonijiet.

(d) Miri minimi tal-akkwist (Artikolu 5 u Tabelli 4 u 5 tal-Anness):

Il-kompromess tal-Presidenza dwar l-Artikolu 5 kien appoġġat b'mod ġenerali mid-delegazzjonijiet. Madankollu, il-miri minimi tal-akkwist fit-Tabelli 4 u 5 għad iridu jiġu diskussi aktar.

Teżisti varjetà kbira fir-rigward tal-livell ta' ambizzjoni kif espress mill-kwota għal kull Stat Membru.

(e) Perijodu ta' traspożizzjoni

Xi delegazzjonijiet kienu favur li tiġi estiża l-iskadenza għat-traspożizzjoni għal bejn 30 u 36 xahar, filwaqt li xi oħrajn appoġġaw perijodu iqsar ta' 24 xahar u rabtu l-iskadenza tat-traspożizzjoni mal-progress ġenerali magħmul fir-rigward tad-dossier.

V. KONKLUŻJONIJIET

Tul l-analiżi tal-proposta, kien hemm appoġġ globali għat-test ta' kompromess finali tal-Presidenza li jidher fl-anness għad-dokument 14230/18. Madankollu, id-definizzjoni ta' "vettura nadifa" u l-livell u l-implimentazzjoni tal-miri tal-akkwist għadhom il-kwistjonijiet ċentrali pendenti li ser jeħtieġ jiġu diskussi aktar flimkien ma' ftit kwistjonijiet oħra, kif spjegat hawn fuq, taħt il-Presidenza li jmiss sabiex jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl.

Il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tal-progress li sar fir-rigward tal-eżami tad-Direttiva proposta.
